MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 11/2003

**J. Lautier Company Limited**

**Vs**

**Victor Falzon u martu Jane Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fis-7 ta' Jannar, 2003, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm3,350) valur ta' depozitu mholli fuq konvenju in atti tan-Nutar Pierre Falzon tas-7 ta' Jannar, 2002 permezz ta' cekk li ma giex onorat, liema depozitu ntielef mill-konvenuti wara li l-istess konvenuti naqsu li jersqu ghall-kuntratt finali wara li gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju, 2002 debitament notifikata lilhom fl-10 ta' Gunju, 2002.
Bl-imgahxijiet mid-data tal-konvenju u bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:
1. Fil-konvenju in kwistjoni gie pattwit li t-trasferiment finali kien sogett ghal kundizzjoni li l-eccipjenti jinghataw self mill-bank, liema self fil-fatt ma nghatax;
2. Fi kwalunkwe kaz, fil-konvenju ma gie bl-ebda mod pattwit li l-ammont mitlub fil-kawza odjerna kien xi depozitu li kien jintielef f'kaz li l-att finali ta' trasferiment ma jsirx.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' konvenju tas-7 ta' Jannar, 2002 in atti Nutar Dottor Pierre Falzon, il-konvenuti obbligaw rwiehom li jixtru minghand is-socjeta' attrici l-fond fi Triq l-Irmigg, Imsida, bil-prezz ta' tlieta u tletin elf u hames mitt lira Maltin (Lm33,500). Fuq dan il-konvenju l-konvenuti ghamlu *cheque* ghas-somma ta' tlett elef, tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm3,350) bhala depozitu illi kellu jithalla f'idejn in-Nutar u jinzamm ghand l-istess Nutar sakemm tohrog il-*bank loan* li kienu applikaw ghaliha l-konvenuti. Il-bilanc kellu jithallas mall-kuntratt finali.

Wara l-iffirmar tal-konvenju rrizulta illi kien hemm xi komplikazzjonijiet finanzjarji minn naha tal-konvenuti li wasslu lill-bank li jirrifjuta t-talba taghhom ghal self. X'inhuma r-ragunijiet il-ghala dan is-self gie michud, huwa mmarterjali ghal din il-kawza. Li hu mportanti li l-bank ghal ragunijiet li jaf l-istess bank, rrifjuta t-talba tal-konvenuti ghal self. Quindi, ma kienux f'posizzjoni illi jonoraw l-obbligazzjonijiet taghhom fil-kuntratt fuq il-konvenju fuq imsemmi.

Sa dan it-tant, peress illi l-konvenuti ma kellhomx fondi, wara li c-*cheque* gie moghti lid-direttur tas-socjeta' attrici ma setax jigi msarraf. U ghalhekk, is-socjeta' attrici,

abbazi tal-konvenju fuq imsemmi dehrilha illi kellha tistitwixxi dawn il-proceduri sabiex tiehu lura l-ammont ta’ tlett elef, tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm3,350), illi suppost kellha tiehu fuq dan il-konvenju.

Minkejja l-ittra ufficjali illi s-socjeta’ attrici ghamlet fil-konfront tal-konvenuti sabiex dawn jaddevjenu ghall-kuntratt, is-socjeta’ attrici ma hadet l-ebda passi ohra barra dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi l-aktar dokument importanti ghal soluzzjoni ta’ din il-vertenza huwa l-konvenju fuq imsemmi tas-7 ta’ Jannar, 2002.  Dan il-konvenju jaghmilha cara illi l-vendita kellha tiddependi mis-self illi kellu jaghti l-bank lill-konvenuti.  Kif gja nghad, dan is-self ma sarx u l-konvenuti hassew ruhhom gustifikati illi ma jersqux ghall-kuntratt finali.

Fil-kawza fl-ismijiet Raphael Attard Flores et vs Kinematics Limited deciza mill-Qorti ta’ l-Appell sede Nferjuri fl-20 ta’ April, 2006, il-Qorti qalet fost affarijiet ohra illi kellhom jezistu ragunijiet validi sabiex parti tkun mehlusa mill-obbligazzjonijiet fuq konvenju.  F’kawza ohra deciza mill-Qorti ta’ l-Appell, sede Superjuri fl-ismijiet Roy Douglas Parker vs Dr Godfrey Gauci Maistre tas-27 ta’ Gunju, 1997 il-Qorti kienet qalet li kien legali ghax-xerrej sabiex ma jersaqx ghall-kuntratt finali ladarba ma setax jottjeni self mill-bank, illi diga kien mifthiem minn qabel, minhabba kondizzjonijiet aktar stretti mposti mill-bank.

Il-Qorti jidhrilha li dana huwa proprju dak illi gara f’dan il-kaz.  Minkejja illi l-konvenuti applikaw biex jottjenu self mill-bank, minhabba l-posizzjoni finanzjarja taghhom, il-bank esiga kondizzjonijiet ferm aktar severi minn naha taghhom u filwaqt illi r-rifjut formali baqa’ ma giex maghmul, il-bank iddecieda li jibghat il-*file* lir-*recoveries unit* biex jipprocedu x’ort’ohra kontra l-konvenuti, li minn naha taghhom baqghu skoperti u ma kellhomx fondi bizzejjed biex jersqu ghall-kuntratt finali.

Skond il-konvenju fuq imsemmi, ic-*cheque* li nghata dakinhar tal-firma kellu jinzamm minn Nutar sakemm johrog is-self imsemmi. Izda ghal xi raguni jidher li c-*cheque* gie moghti lis-socjeta' attrici u dana meta s-self ma giex ottenut mill-konvenuti.

Fil-kawza fl-ismijiet Kenneth Tucker et vs Nutar Anthony Grech Trapani deciza mill-Prim'Awla fit-28 ta' Ottubru, 1994 intqal illi meta fuq konvenju jsir hlas ta' depozitu man-nutar bhala akkont tal-prezz, tali depozitu ma kienx jappartjeni lill-vedituri sakemm ma jigix pubblikat il-kuntratt finali, jew inkella ix-xerrej ikun naqas mill-obbligazzjonijiet tieghu ghall-ebda raguni valida.

Il-Qorti ghalhekk, jidhrilha illi n-nutar zbalja meta huwa ghadda c-*cheque* lid-direttur tas-socjeta' attrici minghajr ma l-ewwel ivverifika mall-konvenuti jekk dawn ottjenewx is-self mill-bank. Hi x'inhi, l-Qorti jidhrilha illi din hija raguni valida sabiex il-konvenuti ma kellhomx jaddevjenu ghall-kuntratt finali, u ghalhekk ma kellhom l-ebda obbligu li jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont indikat fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------